

32004R2238

31.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 394/1

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2238/2004

**tad-29 ta' Diċembru 2004**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-IFRS 1, l-IASs Nri 1 sa 10, 12 sa 17, 19 sa 24, 27 sa 38, 40 u 41 u s-SIC Nri 1 sa 7, 11 sa 14, 18 sa 27, 30 sa 33  
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003<sup>2</sup> ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2002.
- (2) Fit-18 ta' Diċembru 2003, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (l-IASB) ippubblika 13-il Standard Internazzjonali tal-Kontabilità riveduti u ħareġ avviż tal-irtirar tal-IAS 15 *L-Informazzjoni li tirrifletti l-Effetti tal-Prezzijiet li qed Jinbidlu*. L-iskop tar-reviżjoni kien it-titjib ulterjuri fil-kwalità u l-konsistenza tal-ġabrab eżistenti tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASs).
- (3) B'mod ġenerali, l-objettivi ta' dan il-proġett ta' titjib kien li jitnaqqsu, jew li jiġu eliminati għal kollex, alternattivi, dettalji żejda u kunflitti fi ħdan l-istandardi, biex jiġu indirizzati xi kwistjonijiet ta' konverġenza u biex isir titjib fl-istruttura tal-IASs eżistenti. Barra minn hekk, l-IASB għandu l-għan li jinkorpora interpretazzjonijiet eżistenti fl-istandardi imtejba sabiex tikber it-trasparenza u l-konsistenza, u sabiex l-istandardi ikunu aktar komprensivi.

<sup>1</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1

<sup>2</sup> ĠU L 261, 13.10.2003. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2237/2004 (ĠU L 393, 31.12.2004, p. 1).

- (4) Il-konsultazzjoni mal-eserti tekniċi f'dan il-qasam tikkonferma li l-IASs irriveduti jissodisfaw il-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002, u partikolarment ir-rekwiżit li dawn għandhom iwasslu għall-ġid pubbliku Ewropew.
- (5) L-adozzjoni tal-istandardi tal-“Proġetti ta’ titjib” timplika, bħala konsegwenza, li jsiru emendi lil standards internazzjonali ta’ kontabilità u interpretazzjonijiet oħrajn biex ikun hemm konsistenza bejn l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità. Dawn l-emendi jolqtu l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtagħ Finanzjarju (IFRS) Nru 1, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASs) Nri 7, 12, 14, 19, 20, 22, 23, 29, 30, 34, 35, 36, 37, 38, 41 u l-interpretazzjonijiet maħruġa mill-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-İstandards (SIC) Nru 7, 12, 13, 21, 22, 25, 27 u 32. Permezz tal-adozzjoni ta’ dawk l-istandardi, jinbidlu l-interpretazzjonijiet maħruġa mill-Kumitat dwar l-Interpretazzjoni tal-Istandard (SIC) Nri 1, 2, 3, 6, 11, 14, 18, 19, 20, 24, 30 u 33.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1725/2003 għandu, għaldaqstant, jiġi emendat.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1725/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-İstandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASs) Nri 1, 2, 8, 10, 16, 17, 21, 24, 27, 28, 31, 33 u 40 jinbidlu bit-test stipulat fl-Anness ta’ dan ir-Regolament
- (2) Jitħassru l-IAS Nru 15 u s-SIC Nri 1, 2, 3, 6, 11, 14, 18, 19, 20, 23, 24, 30 u 33.
- (3) L-adozzjoni tal-IAS 1 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lil-IAS Nri 12, 19, 34, 35 u 41 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (4) L-adozzjoni tal-IAS 2 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lil-IAS Nru 14 u IAS Nru 34 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (5) L-adozzjoni tal-IAS 8 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lill-IFRS1, lill-IAS Nri 7, 12, 14, 19, 20, 22, 23, 34, 35, 36, 37, 38 u lis-SIC Nri 12, 13, 21, 22, 25, 27 u 31 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (6) L-adozzjoni tal-IAS 10 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lil-IAS Nri 22, 35 u 37 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (7) L-adozzjoni tal-IAS 16 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lill-IFRS1, lill-IAS Nri 14, 34, 36, 37 u 38 u s-SIC Nri 13, 21 u 32 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.

- (8) L-adozzjoni tal-IAS 21 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lill-IFRS1, lill-IAS Nru 7, 12, 29, 34, 38 u 41 u s-SIC Nru 7 sabiex tīgi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (9) L-adozzjoni tal-IAS 24 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lil-IAS Nru 30 sabiex tīgi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (10) L-adozzjoni tal-IAS 27 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lil-IAS Nru 22 u SIC Nru 12 sabiex tīgi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.
- (11) L-adozzjoni tal-IAS 31 timplika, b'konsegwenza, li jsiru emendi lis-SIC Nru 13 sabiex tīgi żgurata l-konsistenza fost l-istandardi internazzjonali tal-kontabilità.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni  
Charlie McCREEVY  
Membru tal-Kummissjoni*

**ANNESS**

Għal verżjoni aġġornata u konsolidata tal-istandard/s imsemmi/ja f'dan ir-Regolament, ara r-Regolament tal-Kummissioni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008

li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1-481.